MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2008

Numru 1156/2006

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafà)

vs

Mary Rose Tabone

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputata ta’ karta ta’ identita’ numru 710558(M), akkuzata talli:

1. f’dawn il-Gzejjer, bejn id-29 u t-30 ta’ Dicembru, 2003 ghamlet qligh b’qerq ghall-ammont ta’ sitt mija u tmenin lira Maltin (Lm680) bi hsara ta’ ohtha Carmen Persiano.

Il-Qorti mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-

hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament u mhux opposta;

Semghet ix-xhieda kollha;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-fatt inkontestat f’din il-kawza huma: illi fid-29 ta’ Dicembru 2003 mietet omm il-kontendenti li precendenti ghall-mewt taghha kienet halliet mal-imputata cekk bankarju mahrug fuq il-bank HSBC pagabbli lilha, jigifieri lil ommha, li l-imputata iddepositat fil-kont taghha fl-istess jum li mietet ommha u minghajr l-girata ta’ ommha. Jirrisulta li l-ammont tac-cekk kien ta’ Lm1,380 li nofshom kienu jispettaw lill-kwerelanta ohtha fuq l-iskorta tat-testment tal-genituri esebit in atti. L-imputata issostni fil-waqt li ma tikkontestax dawn il-fatti illi c-cekk sarfitu billi riedet tizgura li tithallas ta’ xi spejjez li kienet inkorriet ghall-ommha f’hajjietha u kemm wara mewtha.

Issa l-imputata hija akkuzata taht l-Artikolu 309 li jitratta frodi innominat aggravat bl-ammont ta’ aktar minn mitt lira ossija 233 euro.

Illi però biex jissusisti r-reat tal-frodi innominat irid jirrizulta l-element tal-qliegh permezz tal-qerq. Dan fil-fehma tal-Qorti u mill-provi li semghet ma jirrizultax. Ghalkemm il-qerq jista’ jirrizulta mill-fatt li l-imputata sarfet cekk mhux pagabbli lilha wara l-mewt tal-omm li kien allura jappartjeni lis-successjoni tal-omm u ma kienx ghalhekk ta’ propjetà tal-imputata, stante però l-likwidazzjoni bonarjament konvenuta bejn l-imputata u ohtha tal-wirt (kompriz f’din il-likwidazzjoni l-ammont tac-cekk involut) din il-Qorti mhux qeghda tirrijavvisa li l-element tal-qliegh jissusisti. Fi kliem iehor mhux qeghda l-Qorti tirrijavviza li tissussisti fic-cirkostanzi l-qerq frawdolenti da parti tal-imputata.

Ghalhekk u minhabba ‘l fuq espost tiddeciedi li tilliberaha lill-imputata mill-akkuzi migjuba kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------